MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1399/2003

**Citadel Insurance plc**

**Vs**

**Simon Woodhead**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Lulju 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u sitt Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmi (Lm406.74), liema somma giet imhallsa mill-kumpanija attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fit-12 ta' Mejju 2001, gewwa Paceville u ghall-kawza sussegwenti fl-ismijiet Abigail Dimech Vs. Simon

Woodhead (648/01 JR) liema kawza kienet deciza kontra l-konvenut b'sentenza tat-13 ta' Novembru 2001 u in forza ta' liema sentenza il-kumpanija mittenti kienet kostretta bil-ligi li thallas is-somma premessa; illi irrizulta fil-kawza premessa li l-incident gara unikament tort tal-konvenut billi huwa ma kienx fi stat li ssuq u ghalhekk kiser l-obbligi tieghu fil-konfront tal-kumpanija assikuratrici u huwa marbut li jaghmel tajjeb ghall-hlas imwettaq a beneficcju tieghu. Bl-imghaxijiet mid-data tal-pagament premess imwettaq mill-kumpanija attrici u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Mejju 2002.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Philip Magri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u sitt Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmi (Lm406.74), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------